MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2008

Numru 751/2008

**Il-Pulizija
Spettur Bernard C. Spiteri
V**

**PRIVILEDGE MUPIMHIDZI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PRIVILEDGE MUPIMHIDZI** ta' tnejn w ghoxrin sena bin il-mejtin Patrick u veronica nee Zammit, imwieled Zimbabew nhar l-erbatax t'Ottubru 1986 u residenti 2A, Block B, 'Liliana', Triq Gulju, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 123804M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi hin bejn l-ghaxra w nofs ta' bil-lejl u nofs il-lejl ta' bejn s-sitta w is-sebgha t'Awwissu 2008 waqt li kien Paceville, San Giljan laagha ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, fosthom *digital camera* li tammonta ghal

tmin mija w ghaxar Euros ghad-dannu ta' Svetlana Kirillina;

2. Talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi huwa kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li saru definittivi u ghalhekk ma jistghux jigu mibdula;

3. Talli kiser diversi ordnijiet tal-Qorti li ma jaghmilx reati ohra b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

4. Talli ghamel delitt f'perjodu operattiv b'sentenza sospiza moghtija nhar t-tlieta w ghoxrin t'Awwissu 2007 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti esibiti fosthom l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar t-tmienja t'Awwissu 2008 esibita bhala Dok. CSH, l-fedina penali tieghu esibita bhala Dok. CSH 2, kif wkoll vera kopja ta' tlett sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat odjern esibiti bhala Dok. CSH 3, CSH 4 u CSH 5.

Semghet lid-difiza tiddikjara li kienet qed tezenta lil prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq ufficjali tal-pulizija sabiex jikkonfermaw dawn is-sentenzi fil-konfront tal-imputat stante li l-imputat iddikjara li jaqbel li f'kaz ta' htija, l-imputat huwa recidiv.

Semghet **l-ammissjoni tal-imputat** liema ammissjoni tinsab registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hamsa w ghoxrin t'Awwissu 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti rat wkoll l-fedina penali tal-imputat esibita bhala Dok. CSH 2 minn fejn jirrizulta li din hija wahda reflettarja w ghalhekk thoss li l-piena idoneja fic-cirkostanzi hija dik ta’ wahda karcerarja.

**Ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 49, 50, 289(1) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat PRIVILEDGE MUPIMHIDZI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u dan fuq ammissjoni tieghu stess u tiddeciedi li tikkundannah ghal perjodu ta’ sebgha (7) xhur prigunerija ghall-akkuzi principali moghtija fil-konfront tieghu u cioe dik ta’ serq u recidiva.**

**Tordna wkoll li s-sentenza ta’ sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erbgha (4) snin moghtija mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman nhar t-tlieta w ghoxrin (23) ta’ Mejju 2007 tigi reza operativa b’dan li l-imputat ghandu jaghmel b’kollox sentejn (2) u sebgha (7) xhur prigunerija effettivi.**

Il-Qorti tordna, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------